MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-23 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 1006/2009

**L-Avukati Dottor Michael Grech bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Unilever plc ta’ Port Sunlight, Wirral, Merseyside CH62 4ZD, Renju Unit.**

**vs.**

**Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina li b’digriet tas-27 ta’ Novembru 2009 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil Banque Al Baraka D’ Algerie, ta’ Agence Setif 40139, Av. Siad, Boukhressa 19000, Setif, Algerija.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta’ l-Avukati Dottor Michael Grech u Dr. George Hyzler bhala mandatarji specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ estera Unilever plc ta’ Port

Sunlight, Wirral, Merseyside CH62 4ZD, Renju Unit datat 21 ta' Ottubru 2009 a fol 1 tal-process fejn ippremettew:-

Illi s-socjeta attrici Unilever plc ta' Port Sunlight, Wirral, Merseyside CH62 4ZD, Renju Unit, hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markji "SIGNAL" u "SIGNAL 2" liema markji huma uzati mis-socjeta` attrici fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal *toothpastes, mouth washes, toothbrushes*, u prodotti ohra, u dan skont kif jidher fuq id-Dokumenti "A" u "B".

Illi s-socjeta` attrici hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta` industrijali ta' l-istess markji "SIGNAL" u "SIGNAL 2" fil-komplessita` taghhom irregistrati fir-Registru tal-Markji f'Malta taht *Trademark No 6626 (Dok "A"), u Trademark No 15565 (Dok "B"),* u dan kollu *ai termini* tal-**artikolu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta**, liema markji huma wkoll irregistrati bhala *Trademark* Komunitarja mal-"*Office for Harmonization in the Internal Market"* tal-Unjoni Ewropea (ibbazat f'Alicante, Spanja) taht in-numri 001749381.

Illi jirrizulta illi fil-5 ta' Ottubru 2009 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur "CMA CGM ROSSINI", u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' prodotti li jgibu l-marjku "SIGNAL" fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti mis-segwenti; (i) tliet mija u tmienja u sebghin elf erbgha mija u tnejn u tletin (378,432) *toothpaste*, b'*Container* Numru ECMU 9405558 u li m'humiex genwini, u dan bi ksur tal-projbizzjoni tal-**artikolu 4 tal-Kap 414**.

Illi mill-Polza ta' Kargu Numru GGZ0269784A (Dok "D") jirrizulta li l-konsenjatarji tal-prodotti in kwistjoni huma ndikati bhala Banque Al Baraka d'Algerie ta' Setif, Algerija, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma Million Trading Limited.

Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen

hieles ta' oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-proprjeta intellettwali huwa projbit skont l-**artikolu 4 tal-istess Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi dawn il-prodotti in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attici skont l-**artikolu 2 (1) (a) (i), (ii)** u **(iii) tal-Kap 414**, li favur taghha huma rregistrati l-markju "SIGNAL" u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici skont l-**artikolu 2 (1) (b)** tal-**istess Kap 414**, kif ukoll jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attirici skont l-**artikolu 2 (1) (a)** u **(b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003** li tirrigwarda l-azzjonijiet li tiehu d-Dwana kontra prodotti li huma sospettati li jikkontravvjenu certi drittijiet ta' proprjeta` intellettwali u l-mizuri li jridu jittiehdu kontra prodotti li jinstabu li jikkontravvjenu l-imsemmija drittijiet, u dan kollu kif jirrizulta minn analizi li ghamlu rapprezentanti tas-socjeta` attrici.

Illi din il-konsenja ta' prodotti bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-**Kap. 414** wara l-applikazzjonijiet bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar il-kaz (kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala (Dok "C").

Illi ghalhekk l-istess socjeta' rikorrenti talbet li s-socjeta` jew entita' konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-prodotti in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skont l-**artikolu 2 (1) (a)** u **(b) tal-Kap 414**.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' prodotti li tikkonsisti fis-segwenti; (i) tliet mija u tmienja u sebghin elf

erbgha mija u tnejn u tletin (378,432) *toothpaste* b'*Container* Numru ECMU 9405558, da parti tas-socjeta` konvenuta u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici in kwantu li m'humiex genwini, skont l-**artikolu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii)** u **(b) tal-Kap 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta Intellettwali (Mizuri Intrakonfini))** u ghaldaqstant jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-**artikolu 4** tal-istess **Kap. 414**, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta` attrici bin-numri 6626 u 15565 fir-Registru tal-Markji ta' Malta.

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' prodotti jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-**artikolu 21 (a)** u **(b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003**, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta` attrici bin-Numri 6626 u 15565 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-*Trademark* Komunitarju Numru 001749381 registrat f'isem is-socjeta` attrici (dan kollu skont il-provvedimenti tar-**Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropea)).**

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta` attrici a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu il-prodotti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tal-konvenut, skont l-**artikolu 8 tal-Kap 414**.

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skont it-termini ta' l-**Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) – Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta** u/jew skont it-termini tar-**Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003**, fil-konfront tas-socjeta` attrici.

6. Tordna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-

distruzzjoni tal-prodotti in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-Ufficjali tad-Dwana skont it-termini tal-**Kap 414**.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata ingiunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 5 u 6) u hames dokumenti (5) li huma esebiti u mmarkati minn Dok. "A" sa Dok. "E" kif jidhru a fol. 8 sa fol. 18 tal-process.

Rat id-digriet datat 27 ta' Novembru 2009 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita' intimata.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-2 ta' Frar 2010, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata l-1 ta' Frar 2010 (fol. 41) fejn eccepew li:-

(1) Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f' kaz li jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Rat il-lista ta' xhieda tal-istess kuraturi a fol. 42 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta datata 17 ta' Frar 2010 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Karl Briffa ghas-socjeta` attrici li rrimetta ruhu ghall-provi, u Dr. Mark Busuttil bhala kuratur li ghamel l-istess. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-23 ta' Frar 2010.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi s-socjeta’ attrici hija proprjetarja ta’ diversi markji, fosthom il-markji “SIGNAL” u “SIGNAL 2” liema markji huma uzati mis-socjeta` attrici fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal *toothpastes, mouth washes, toothbrushes*, u prodotti ohra, u dan skont kif jidher fuq id-Dokumenti “A” u “B”.

Illi jirrizulta li fil-5 ta’ Ottubru 2009 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur “CMA CGM ROSSINI”, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta’ prodotti li jgibu l-markju “SIGNAL” fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti mis-segwenti:- tliet mija u tmienja u sebghin elf erbgha mija u tnejn u tletin (378,432) *toothpaste*, b’*Container* Numru ECMU 9405558 u li m’humiex genwini, u dan bi ksur tal-projbizzjoni tal-**artikolu 4 tal-Kap 414**, liema merkanzija kienet destinata skont il-polza ta’ karigu (Dok. “C”) lill-entita` konvenuta u bi ksur tad-drittijiet intellettwali tas-socjeta` attrici skont id-disposizzjonijiet appositi tal-**Kap. 414 u tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003.** Dan jinsab ikkonfermat mill-affidavit tal-ufficjal tad-Dwana George Agius datat 14 ta’ Jannar 2010 (Dok. “MG 3”).

Illi fil-fatt tali merkanzija ndikata tirrizulta li hija kontrafatta skont rapport datat 14 ta’ Jannar 2010 (Dok. “MG1”) u allura salv li din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba attrici ghaliex ma hemmx bzonnha, tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra b’dan li b’riferenza ghas-sitt talba l-Qorti tirreferi ghall-ispejjez indikati fl-istess affadivit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius (Dok. “MG 3”).

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli mal-istess, u fil-waqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames (5) talba tas-socjeta' rikorrenti minhabba li ma hemmx bzonn l-istess talba, tilqa' t-talbiet l-ohra ta' l-istess socjeta` rikorrenti biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-prodotti in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skont **l-artikolu 2 (1) (a) u (b) tal-Kap. 414).**

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' prodotti li tikkonsisti fis-segwenti; tliet mija u tmienja u sebghin elf erbgha mija u tnejn u tletin (378,432) *toothpaste* b'*Container* Numru ECMU 9405558, da parti tas-socjeta` konvenuta u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici in kwantu li m'humiex genwini, skont l-**artikolu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii)** u **(b) tal-Kap. 414** (**Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini))** u ghaldaqstant jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-**artikolu 4** tal-istess **Kap 414**, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta` attrici bin-numri 6626 u 15565 fir-Registru tal-Markji ta' Malta.

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' prodotti jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-**artikolu 21 (a)** u **(b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003,** u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta` attrici bin-Numri 6626 u 15565 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-*Trademark* Komunitarju Numru 001749381 registrat f'isem is-socjeta` attrici (dan kollu

skont il-provvedimenti tar-**Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropea).**

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex a bazi ta' dak deciz skont l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba attrici f'terminu qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi l-prodotti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tal-konvenut, skont l-**artikolu 8 tal-Kap. 414**.

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba ghaliex *in vista* ta' dak hawn deciz ma hemmx bzonn ta' l-istess talba.

6. Tordna lis-socjeta'/entita' konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-prodotti in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-Ufficjali tad-Dwana skont it-termini tal-**Kap 414**.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta'/entita' konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------